



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' April 2013 (18.04)
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0156 (COD)**

**8351/1/13
REV 1 ADD 1**

**CODEC 783
DENLEG 33
AGRI 235
SAN 122
OC 201**

ADDENDUM GĦAN-NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: COREPER/KUNSILL

Nru prop. Cion: 12099/11 DENLEG 98 AGRI 480 SAN 137 CODEC 1180

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009

(I-ewwel qari)

- Adozzjoni

a) tal-pożizzjoni tal-Kunsill

b) tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

- **Dikjarazzjonijiet**

LINJI GWIDA KOMUNI

Skadenza għall-konsultazzjoni: 19.4.2013

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali"

"Il-Ġermanja topponi din il-proposta attwali għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali

Il-Ġermanja dejjem appoġġat fil-prinċipju r-Reviżjoni tal-liġi Ewropea dwar id-dieta. L-objettivi mixtieqa ta' regolamentazzjoni aktar sempliċi u aħjar kif ukoll ta' armonizzazzjoni mifruxa f'dan il-qasam tal-liġi, fil-fehma tal-Ġermanja, ma nkisbux b'mod adegwat bir-Regolament propost.

B'mod partikolari l-Ġermanja tikkunsidra li r-Regolament il-ġdid ma jieħux kont adegwat tal-livell speċjali ta' protezzjoni meħtieġ għall-gruppi mmirati ferm vulnerabbli. Il-fehma tal-Ġermanja hi, li għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa preventiva, hu problematiku li tkun permessa l-addizzjoni bla limitu ta' diversi sostanzi miżjuda, minħabba l-effett nutrittiv jew psikoloġiku tagħhom, għall-oġġetti tal-ikel fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

F'dan il-kuntest il-Ġermanja tosserva, *inter alia*, diskrepanza rrikonċiljabbli bejn ir-rekwiiti stretti tar-Regolament ta' Dikjarazzjonijiet Sanitarji dwar il-verifika xjentifika tad-dikjarazzjonijiet ta' nutrizzjoni u sanitarji fir-reklami ta' ikel minn naħa l-waħda, u min-naħa l-oħra r-rekwiżiti kjarament anqas stretti rigward il-protezzjoni preventiva tas-saħħa tal-konsumatur fir-rigward tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali.

Barra minn hekk, fir-Regolament propost m'għadx fih il-proċedura oriġinali ta' approvazzjoni għall-estensjoni tal-lista pożittiva li kienet inkluża oriġinarjament, b'hekk l-addizzjoni ta' sustanza li s'issa ma kienux koperti fil-lista pożittiva issa hija għall-inizjattiva unika tal-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, il-produtturi tal-ikel mhux ser ikollhom il-possibbiltà li jakkwistaw l-approvazzjoni Ewropea għal sustanza permezz ta' proċedura kjarament regolata u b'hekk jiksbu ċertezza legali għall-innovazzjonijiet. Konsegwentement, ir-Regolament ma jilħaqx ir-rekwiżit biex tiġi promossa l-innovazzjoni."

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jappoġġa l-għan li jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju għall-ikel għall-gruppi vulnerabbli u jqis li t-test propost jilħaq b'mod ġenerali dan l-oġettiv. Madankollu, ir-Renju Unit ma jappoġġax l-użu ta' atti delegati biex tiġi emendata l-lista tal-Unjoni ta' sustanzi u għalhekk ma jistax jappoġġa l-proposta. Id-Deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi individwali għandhom jinkisbu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li jużaw il-proċedura ta' eżami fir-Regolament (UE) 182/2011. L-użu ta' atti delegat f'din iċ-ċirkostanza partikolari m'għandux jiġi kkunsidrat bħala preċedent għal oqsma oħra tal-politika tal-ikel.
